MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 713/2003

**Aquatess Limited**

**vs**

**Joe Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 t'April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75.00), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Bl-ispejjes legali u gudizzjarji, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 14 ta' Frar 2002, 12 ta' Marzu 2002, 15 t'April 2002 u 14 ta' Gunju 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-ewwel interpellanza sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa` ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm75.00), bl-imghax legali sal-effettiv pagament, pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz.

L-ispejjes ta' dina l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Frar 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------